MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 208/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Mary Grace Gatt abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Mary Grace Gatt [4650(M)]**

**Vs**

**Al Naman Namar**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm230.85c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Mary Grace Gatt assigurata tas-socjeta' attrici Fogg

Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ mitejn u hames liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm205.85c), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Mary Grace Gatt in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Novembru, 2004 ghall-habta tat-3.08p.m gewwa l-Fgura, bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attrici Mary Grace Gatt, bin-numru ta’ registrazzjoni ABL 291 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni HBA 021.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta’ Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------